MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1070/2003

**LLOYDS (MALTA) LIMITED bħala rappreżentanti ex lege għan-nom tal-membri ta’ Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri JAT1245, KLN0510, SDM0807, SAM0727, ATR0570 u SIM0994 u RAUSI INSURANCE AGENCY LIMITED u MARIA BEZZINA**
**Vs**
**RICHARD CIAPPARA**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fid-29 ta’ Mejju, 2003 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi ordnat iħallas għal danni kawżati minnu fuq il-karozza ta’ TFD 896 u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 25) rappreżentanti excess, f’inċident stradali nhar id-29 ta’ Jannar, 2003 fil-Ħamrun.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

L-ammont huwa dovut mill-konvenut bħala ħlas ta’ danni minnu kawżati fuq il-karozza TFD 896 propjeta’ ta’ Maria

Bezzina, assikurata mill-atturi taħt polza comprehensive, li għalhekk huma surrogati fid-drittijiet tagħha, filwaqt li l-istess Maria Bezzina għandha nteress li tirkupra s-somma ta' ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 25) minnha mħallsin bħala excess, waqt li l-konvenut bi traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ġol-karozza msemmija fil-Ħamrun, nhar id-29 ta' Jannar, 2003 waqt li hu kien qed isuq il-mutur GVP 454.

Ra r-risposta tal-konvenut Richard Ciappara fejn ingħad illi:-

1. L-inċident de quo ma ġarax tort tal-konvenut iżda ħtija ta' l-attriċi Maria Bezzina;
2. Għalhekk ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom iġibu l-prova tad-danni skond il-liġi;
3. Inoltre ma hemmx lok għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' danni favur l-atturi;
4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi u bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kolliżjoni tikkonsisti f'inċident li seħħ meta mutur tal-Pulizija misjuq mill-konvenut kien għaddej jissorpassa serbut ta' karozzi li kien wieqaf biex jesplora u jinvestiga għaliex kien hemm it-traffiku wieqaf.

Il-karozza attriċi ħarġet minn fuq ix-xellug tal-Pulizija wara li l-vetturi waqfu u tawha preċidenza biex tkun tista' toħroġ. Waqt li l-Pulizija kien qed jagħmel-investigazzjoni ex admissis huwa ma utilizza l-ebda mezz straordinarju riservati għall-forzi ta' l-ordni pubbliku biex jagħti indikazzjoni li kienet ġejja vettura tal-Pulizija.

L-attriċi xehedet illi hija ħarġet wara illi waqfitilha vettura minn dan it-traffiku fuq il-lemin tagħha u kif harget u ha tgħaddi r-rinġiela li kienet miexja biex tmur fil-parti l-oħra

tat-triq, ġie l-mutur mill-istess tal-lemin fuq barra dir-rinġiela ta-vetturi wieqfa u saret il-kolliżjoni.

Mhux kontestat illi l-attriċi riedet toħroġ minn triq sussidjajrja ghal triq prinċipali. Di fatti hemm sleeping policeman biex it-traffiku ibatti. Sporġat ruħha fit-triq prinċipali, una volta li kien hemm it-traffiku għaddej bil-mod vettura waqfitilha biex tgħaddi u ġie kreat apertura għaliha u ma kienx ġej traffiku min-naħa tax-xellug tagħha sabiex ma tkunx tista' toħloq ostakolu għall-istess traffiku. Li huwa kontestat mill-atturi huwa li l-mutur tal-Pulizija ma kellux ikun fejn saret il-ħabta. Huwa kontestat fejn il-mutur kien qiegħed jiġi misjuq, jekk hux fl-istess linja, jekk hux f'nofs triq jew fuq il-karreġġjata opposta.

Il-pożizzjoni kif indikata mill-Pulizija investigattiv fl-iskizz tal-kolliżjoni a fol. 36 ma ġiex kontestat mill-konvenut. Minnha jirriżulta li l-vettura attriċi ġia kienet qabżet ir-rinġiela wieqfa tal-vetturi li kienu weqfin u kienet ġia invadiet sostanzjalment il-karreġġjata opposta.

Id-daqqa fuq il-vettura attriċi kif riżultat mir-rapport tal-Pulizija u anke minn tas-surveyor jirriżulta li kienet fuq quddiem fuq ix-xellug. Jiġi rilevat pero' il-vettura kienet qed issuq u iddur lejn il-lemin u il-mutur kien ġej min-naħa ta' l-istess vettura. Allura għandu jiġi kostatat illi l-mutur ma kienx qed jinstaq fil-karreġġjata tar-rinġiela wieqfa iżda kien ferm il-barra anki mill-karreġġjata għalkemm m'hemmx xi linja li tindika n-nofs tat-triq.

Kolliżjonijiet simili qed isiru rikorrenti lokalment speċjalment fejn waħda mill-vetturi nvoluti tkun mutur. Hija konswetudni li mutur, hu ta' min hu, misjuq minn min hu misjuq, ma joqgħodx fil-karreġġjata u jsegwi r-rinġiela tat-traffiku imma donnu għandhom xi dritt aktar minn vetturi ta' erba' roti li joqgħodu fuq barra jew fuq ġewwa jew iserpu minn ringiela għall-oħra sabiex imorru fid-direzzjoni tagħhom mingħajr ma jsegwu n-natural flow of traffic kif jagħmlu vetturi ta' erba' roti. Aktar u aktar meta jkollhom neċessita' li jaqalgħu ‘l barra minn karreġġjata li tkun qed issuq fid-direzzjoni tagħhom u jkunu jistgħu iħaffu fil-pass.

Ix-xufier tal-mutur konvenut, una volta li kien fuq xogħol uffiċjali, li qiegħed fuq investigazzjoni għaliex it-traffiku isuq bil-mod, messu ħa l-prekawzjoni, xegħel is-serena tiegħu biex jagħti indikazzjoni illi qed jagħmel sorpass għax mutur meta jaqla' traffiku ieħor ikun qed jagħmel sorpass.

Una volta li r-ringiela tkun wieqfa jew miexja bil-mod, huwa ferm preventiv billi jiġi kreati aperturi billi xufier ġentilment fit-triq prinċipali, jagħti preċedenza lill-vettura oħra li trid toħroġ minn triq sussidjajrja biex issegwi l-istess ringiela ta' traffiku, jew biex taqsam it-triq, jew biex tmur fid-direzzjoni opposta mill-karreġġjata adjaċenti. Il-Pulizija dawn l-affarijiet huma a konoxxjenza tagħhom.

Li ma tax kaz il-Pulizija, anki ex admissis illi ma rax il-vettura ħierġa minn fuq ix-xellug tiegħu. Da parti tagħha, l-attriċi, ex admissis, rat il-mutur magħha li ta daqqa fuq ix-xellug tagħha u rat il-mutur jogħla.

Huwa komprensibbli li l-attriċi ma kenitx qed tistenna u kienet raġunata illi ma kenitx qed tistenna xi vettura jew mutur ġej mill-istess direzzjoni illi waqfitilha r-ringiela ta' traffiku biex hi tkun tista tisporġi fid-direzzjoni li kellha trnur.

Il-vettura attriċi ħadet il-prekawzjonijiet illi ma qabditx u ħarġet fit-triq imma stenniet li t-traffiku jieqaf biex itiha preċedenza, rat illi x-xellug tagħha ma kenux ġejjin l-ebda vetturi, allura setgħet faċilment tisporġi l-karozza fil-karreġġjata opposta.

Un volta qed isir sorpass, u qed isir sorpass minn mutur li faċli għalih isir sorpass, allura x-xufier tal-mutur kellu juża iktar prudenza u perizja meta kien qiegħed jissorpassa dawn il-vettura, aktar u aktar meta kien ġie jiġi rilevat is-sorpass kien qed isir fuq barra tat-traffiku u fit-triq fejn mhux suppost.

F'dan il-kuntest it-Tribunal jagħmel riferenza għal żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti ta’ l-Appell, waħda mogħtija fil-ll ta' Gunju 2005 fl-ismijiet “Cassar vs Ferriggi” u l-oħra fl-

ismijiet “Azzopardi vs Denise Buhagiar” datata 6 ta' Diċembru 2004. Ġie ribadit fl-aħħar sentenza illi mutur ma għandu l-ebda dritt jikkrea karreġġjata għalih meta dina ma teżistix u għandu jagħti iktar attenzjoni una volta li jkun qiegħed jagħmel manuvra ta' sorpass, mhux lejn vettura waħda u jidħol minflokha iżda ringiela sħiħa ta' vetturi. Di fatti kif qalet din l-istess sentenza ma jeżistu l-ebda regoli speċjali għall-motoċiklisti biex jagħmlu manuvri ta' sorpass.

Illi l-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u qed jiġi akkordat.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezjoni tal-kovenut, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta’ mitejn u seba u tmenin lira u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm287.55) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------